SENTENZA TAL-QORTI TAL-PRIM'ISTANZA (L-Ewwel Awla)

23 ta' Settembru 2009*

Fil-Kawżi magħquda T-20/08 u T-21/08,

Evets Corp., stabbilita f'Irvine, Californja (l-Istati Uniti), irrappreżentata minn S. Ryan, solicitor,

rikorrenti,

vs

L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI), irrappreżentat minn A. Folliard-Monguiral, bħala aġent,

konvenut,

li għandha bħala suġġett rikors ippreżentat kontra żewġ deċiżjonijiet tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI tal-5 ta' Novembru 2007 (Każijiet R 603/2007-4 u R 604/2007-4), relatati ma' applikazzjoni għal *restitutio in integrum* ippreżentata mir-rikorrenti,

* Lingwa tal-kawża: l-Ingliż.

IL-QORTI TAL-PRIM'ISTANZA
TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ (L-Ewwel Awla),

komposta minn V. Tiili (Relatur), President, F. Dehousse u I. Wiszniewska-Białecka, Imħallfin,

Reġistratur: N. Rosner, Amministratur,

wara li rat ir-rikorsi ppreżentati fir-Reġistru tal-Qorti tal-Prim'Istanza fit-8 ta' Jannar 2008,

wara li rat ir-risposti ppreżentati fir-Reġistru tal-Qorti tal-Prim'Istanza fit-22 ta' Mejju 2008,

wara li rat id-digriet tal-5 ta' Mejju 2009 li jgħaqqad il-Kawżi T-20/08 u T-21/08 għall-finijiet tal-proċedura orali u tas-sentenza,

wara s-seduta tat-3 ta' Ġunju 2009,

tagħti l-preżenti

Sentenza

Il-fatti li wasslu għall-kawża

1 Fl-1 ta' April 1996, ir-rikorrenti, Evets Corp., ippreżentat żewġ applikazzjonijiet għal reġistrazzjoni ta' trade mark Komunitarja quddiem l-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI), skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 40/94, tal-20 ta' Diċembru 1993, dwar it-trade mark Komunitarja (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 1, p. 146), kif emendat [sostitwit bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009, tas-26 ta' Frar 2009, dwar it-trade mark Komunitarja (ĠU L 78, p. 1)].

2 It-trade marks li għalihom saret l-applikazzjoni għal reġistrazzjoni huma t-trade mark verbali DANELECTRO u t-trade mark figurattiva QWIK TUNE, li jkopru prodotti fil-klassijiet 9 u 15 skont il-Ftehim ta' Nice dwar il-klassifikazzjoni internazzjonali ta' prodotti u servizzi għall-finijiet tar-reġistrazzjoni tat-trade marks, tal-15 ta' Ġunju 1957, kif irrevedut u emendat.

3 It-trade mark QWIK TUNE ġiet irreġistrata fit-30 ta' April 1998 u t-trade mark DANELECTRO fil-25 ta' Mejju 1998.

4 Fis-7 u fl-14 ta' Settembru 2005, l-UASI, skont l-Artikolu 47(2) tar-Regolament Nru 40/94 (li sar l-Artikolu 47(2) tar-Regolament Nru 207/2009) u r-Regola 29 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2868/95, tat-13 ta' Diċembru 1995, li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 40/94 dwar it-trade mark tal-Komunità (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 1 p. 189), informa lir-rappreżentant tar-rikorrent bl-iskadenza tar-reġistrazzjoni, tat-trade marks QWIK TUNE u DANELECTRO rispettivament. Skont dawn in-notifiki, t-talbiet għal tiġdid kellhom

jiġu ppreżentati u t-taxxa kellha titħallas qabel it-30 ta' April 2006. It-talbiet setgħu wkoll jiġu ppreżentati u t-taxxi setgħu jitħallsu f'terminu addizzjonali ta' sitt xhur li kien jiskadi fl-1 ta' Novembru 2006.

5 Fil-21 u fit-23 ta' Novembru 2006, l-UASI, skont l-Artikolu 47 tar-Regolament Nru 40/94 (li sar l-Artikolu 47 tar-Regolament Nru 207/2009), ir-Regola 30(5), ir-Regola 84(3)(1) u r-Regola 84(5) tar-Regolament Nru 2868/95, innotifika lir-rappreżentant tar-rikorrenti bil-fatt li r-reġistrazzjonijiet tat-trade marks QWIK TUNE u DANELECTRO kienu ġew ikkanċellati mir-reġistru tat-trade marks Komunitarji fl-1 ta' Ottubru 2006, b'effett mill-1 ta' April 2006. F'kull notifika, ġie indikat li, fil-każ ta' nuqqas ta' qbil, ir-rappreżentant tar-rikorrenti seta' jitlob deċiżjoni bil-miktub f'terminu ta' xahrejn b'effett mid-data ta' riċezzjoni tan-notifika.

6 Fis-26 ta' Jannar 2007, ir-rappreżentant tar-rikorrenti ppreżenta, fir-rigward tat-trade marks inkwistjoni, skont l-Artikolu 78 tar-Regolament Nru 40/94 (li sar l-Artikolu 81 tar-Regolament Nru 207/2009), applikazzjoni għal *restitutio in integrum*, li permezz tagħha huwa talab li jerġgħu jingħatawlu d-drittijiet għat-tiġdid tar-reġistrazzjonijiet inkwistjoni abbażi tal-fatt li dawn ma ġewx imġedda minħabba żball dovut għal ċirkustanzi li ma jaqgħux taħt il-kontroll tiegħu jew tar-rikorrenti. Fil-fatt, ir-responsabbiltà tat-tiġdid ġiet ittrasferita lil terz, li ma kellux l-indirizz korrett tar-rikorrenti fid-database tiegħu. Ir-rappreżentant tar-rikorrenti talab lil UASI jiddebita l-ħlas ta' *restitutio in integrum* u ta' tiġdid lill-kont kurrenti li r-rikorrenti kellha mal-UASI. Huwa indika li r-rikorrenti kellha għarfien tat-telf tad-drittijiet tagħha fis-26 ta' Novembru 2006, data li fiha huwa bagħtilha n-notifiki rċevuti mill-UASI.

7 Fit-22 ta' Frar 2007, id-dipartiment "Trade marks u Reġistru" tal-UASI ċaħad l-applikazzjoni għal *restitutio in integrum*. Huwa qies li l-applikazzjoni ġiet ippreżentata fit-terminu previst u li kienet ammissibbli, iżda li r-rikorrenti ma kinitx uriet id-diliġenza meħtieġa fiċ-ċirkustanzi inkwistjoni. Fil-fatt, fil-fehma tiegħu, ir-rappreżentant tar-rikorrenti kien jaf li t-trade marks inkwistjoni kellhom jiġġeddu, iżda ma kienx ħa l-miżuri neċessarji sabiex jiżgura, mar-rikorrenti, mat-terz li r-responsabbiltà tat-tiġdid ġiet ittrasferita, u mal-UASI, jekk it-tiġdid kienx sar u fil-każ fejn ma kienx sar, li jiżgura li dan isir. Konsegwentement, ir-reġistrazzjoni tat-trade

marks DANELECTRO u QWIK TUNE kienet tqieset li ġiet ikkanċellata skont ir-Regola 30(6) tar-Regolament Nru 2868/95.

8 Fil-21 ta' Ġunju 2007, ir-rikorrenti preżentat appell quddiem l-UASI, skont l-Artikoli 57 sa 62 tar-Regolament Nru 40/64 (li saru l-Artikoli 58 sa 64 tar-Regolament Nru 207/2009), mid-deċiżjonijiet tad-dipartiment tat-"Trade Marks u Reġistru" tat-22 ta' Frar 2007.

9 Permezz ta' deċiżjonijiet tal-5 ta' Novembru 2007 (iktar 'il quddiem id-"deċiżjonijiet appellati"), ir-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI ċaħad l-appell u ddikjara li l-applikazzjoni għal *restitutio in integrum* tqieset li ma kinitx ġiet ippreżentata skont l-Artikolu 78(3) tar-Regolament Nru 40/94 (li sar l-Artikolu 81(3) tar-Regolament Nru 207/2009), peress li l-applikazzjoni ġiet ippreżentata wara l-iskadenza tat-terminu ta' xahrejn previst fl-Artikolu 78(2) tar-Regolament Nru 40/94 (li sar l-Artikolu 81(2) tar-Regolament Nru 207/2009) u li l-ħlas dovut għal *restitutio in integrum* tħallas wara dan it-terminu. Huwa qies li, peress li d-dati tat-tneħħija tal-kawża ta' nuqqas ta' konformità mat-terminu kienu l-21 ta' Novembru 2006 għat-trade mark QWIK TUNE u t-23 ta' Novembru 2006 għat-trade mark DANELECTRO, dati li fihom l-UASI kien informa lir-rappreżentant tar-rikorrenti li t-trade marks kienu ġew ikkanċellati, l-applikazzjoni ppreżentata fis-26 ta' Jannar 2007 ma kinitx saret fit-terminu previst.

It-talbiet tal-partijiet

10 Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti tal-Prim'Istanza jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjonijiet appellati;

— tiddikjara li l-applikazzjoni għal *restitutio in integrum* ġiet ippreżentata fit-termini previsti fl-Artikolu 78(2) tar-Regolament Nru 40/94;

— tirrinvija l-kawżi quddiem il-Bord tal-Appell sabiex tiddeċiedi fuq il-mertu dwar il-kwistjoni jekk kienx hemm id-diliġenza kollha neċessarja sabiex jiġġeddu t-trade marks inkwistjoni.

— tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż.

11 L-UASI jitlob li l-Qorti tal-Prim'Istanza togħġobha:

— tiċħad ir-rikorsi;

— tikkundanna lir-rikorrenti għall-ispejjeż.

Id-dritt

12 Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti essenzjalment tinvoka tliet motivi, ibbażati, l-ewwel nett, fuq ksur tal-prinċipju ta' projbizzjoni ta' *reformatio in pejus*, it-tieni nett, fuq ksur tad-drittijiet tad-difiża u d-dritt għal smigħ, u t-tielet nett, fuq ksur tal-Artikolu 78 tar-Regolament Nru 40/94.

13 Hemm lok li l-ewwel jiġi eżaminat il-motiv ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 78 tar-Regolament Nru 40/94.

Fuq il-motiv ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 78 tar-Regolament Nru 40/94

14 Skont ir-rikorrenti, il-Bord tal-Appell wettaq żball meta kkalkola t-terminu ta' xahrejn mit-tneħħija tal-kawża ta' nuqqas ta' konformità mat-terminu fil-21 u fit-23 ta' Novembru 2006, dati li fihom l-UASI informa lir-rappreżentant tar-rikorrenti li d-drittijiet inkwistjoni kienu ntilfu, peress li d-data li għandha tittieħed inkunsiderazzjoni hija dik li r-rikorrenti nfisha kellha għarfien tat-telf tad-drittijiet tagħha.

15 L-UASI jikkontesta l-argumenti mressqa mir-rikorrenti.

16 Skont l-Artikolu 78(2) u (3) tar-Regolament Nru 40/94, applikazzjoni għal *restitutio in integrum* għandha tiġi ppreżentata bil-miktub fi żmien xahrejn mit-tneħħija tal-kawża ta' nuqqas ta' konformità mat-terminu li kellha bħala konsegwenza diretta t-telf ta' dritt jew ta' dak ta' mezz ta' rimedju. L-applikazzjoni għandha tkun ammissibbli biss fi żmien sena immedjatament wara l-iskadenza tat-terminu ta' nuqqas ta' osservanza. L-applikazzjoni għandha tkun motivata u tindika l-fatti u l-ġustifikazzjonijiet li fuqhom hija bbażata. Hija titqies li ġiet ippreżentata biss wara li jsir il-ħlas dovut għal *restitutio in integrum*.

17 Fil-kawża inkwistjoni, il-partijiet jaqblu, fil-prinċipju, fuq il-fatt li t-"tneħħija tal-kawża ta' nuqqas ta' konformità" hija d-data li fiha r-rikorrenti ġiet informata bit-telf tad-drittijiet inkwistjoni.

18 Huwa paċifiku li r-rappreżentant tar-rikorrenti rċieva, rispettivament, fil-21 u fit-23 ta' Novembru 2006, in-notifiki tal-UASI intiżi li jinformawh li r-reġistrazzjonijiet tat-trade marks QWIK TUNE u DANELECTRO kienu ġew ikkanċellati mir-reġistru tat-trade marks Komunitarji fl-1 ta' Ottubru 2006 b'effett mill-1 ta' April 2006.

19 Il-Bord tal-Appell qies li l-applikazzjoni għal *restitutio in integrum* ippreżentata fis-26 ta' Jannar 2007 tqieset li ma kinitx ġiet ippreżentata, skont l-Artikolu 78(3) tar-Regolament Nru 40/94, peress li l-applikazzjoni ġiet ippreżentata u l-ħlas dovut għal *restitutio in integrum* sar wara l-iskadenza tat-terminu ta' xahrejn previst fl-Artikolu 78 (2) tar-Regolament Nru 40/94 li skada, rispettivament, it-Tnejn 22 ta' Jannar 2007 għat-trade mark QWIK TUNE u t-Tlieta 23 ta' Jannar 2007 għat-trade mark DANELECTRO.

20 Għalhekk, ir-rikorrenti ssostni li t-terminu ta' xahrejn seta' jibda jiddekorri biss mid-data li fiha hija stess, u mhux ir-rappreżentant tagħha, ikollha għarfien tat-telf tad-drittijiet inkwistjoni, peress li hija kienet ġabet ruħha b'mod responsabbli billi aġixxiet bħala r-rappreżentant tagħha stess għall-finijiet li jiġġeddu r-reġistrazzjonijiet inkwistjoni permezz ta' intermedjarju tat-terz u l-iżball li wassal għan-nuqqas ta' osservanza tat-terminu seħħ fl-uffiċċji tat-terz. Din id-data kienet is-26 ta' Novembru 2006 u, għalhekk, l-applikazzjoni għal *restitutio en integrum* saret fit-terminu previst.

21 Dan l-argument ma jistax jintlaqa'. Kif isostni ġustament l-UASI, id-data li fiha t-telf ta' dritt jiġi nnotifikat lir-rappreżentant għandha titqies li hija d-data li fiha l-persuna rrappreżentata, jiġifieri r-rikorrenti, ikollha għarfien tiegħu.

22 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, skont ir-Regola 77 tar-Regolament Nru 2868/95, kull notifika jew komunikazzjoni oħra indirizzata mill-UASI lil rappreżentant debitament awtorizzat għandu jkollha l-istess effett bħallikieku ġiet indirizzata lill-persuna rrappreżentata. Dan japplika wkoll fir-rigward ta' komunikazzjoni indirizzata lill-UASI minn rappreżentant debitament awtorizzat, li għandha l-istess effett bħallikieku kienet oriġinat mill-persuna rrappreżentata.

23 Għalhekk, fir-rigward tal-UASI, huma rilevanti l-komunikazzjonijiet bejnu u bejn ir-rappreżentant u mhux dawk bejn ir-rappreżentant u r-rikorrenti.

24 Għandu jiġi mfakkar ukoll li, skont l-Artikolu 78(5) tar-Regolament Nru 40/94 (li sar l-Artikolu 81(5) tar-Regolament Nru 207/2009), l-Artikolu 78 ma japplikax għat-termini previsti fl-Artikolu 78(2). Għaldaqstant, jekk it-terminu ta' xahrejn, li huwa wieħed mill-kundizzjonijiet ta' ammissibbiltà ta' applikazzjoni għal *restitutio in integrum*, ma ġiex osservat, ma hemmx iktar il-possibbiltà li tiġi ppreżentata applikazzjoni ġdida għal *restitutio in integrum*, anki jekk jiġi ġġustifikat l-imsemmi nuqqas ta' osservanza.

25 Konsegwentement, il-Bord tal-Appell ġustament qies li l-applikazzjoni għal *restitutio in integrum* ippreżentata fis-26 ta' Jannar 2007 kellha titqies li ma kinitx ġiet ippreżentata.

26 Barra minn hekk, ir-rikorrenti ssostni li, fid-dawl tat-terminu globali ta' 12-il xahar li ġie adattat għall-bidu tal-proċedura ta' *restitutio in integrum*, l-intenzjoni tal-leġiżlatur kienet li t-terminu ta' xahrejn ma jiġix ikkalkolat mid-data tan-notifika tal-iskadenza lir-rappreżentant tal-proprjetarju tat-trade mark. F'tali sitwazzjoni, it-terminu ta' xahrejn huwa superfluwu u t-terminu ta' xahrejn stabbilit għall-bidu tal-proċedura ta' *restitutio in integrum* kien biżżejjed. Dan l-approċċ ġie adottat mill-Bordijiet tal-Appell tal-Uffiċċju Ewropew tal-Privattivi (EPO), u sa fejn l-Artikolu 78(2) tar-Regolament Nru 40/94 huwa essenzjalment identiku għall-Artikolu 122(2) tal-Konvenzjoni dwar l-għoti ta' Privattivi Ewropej tal-5 ta' Ottubru 1973, kif emendata, l-istess approċċ għandu japplika fil-każ preżenti.

27 L-ewwel nett, għandu jiġi rrilevat li l-Artikolu 122(2) tal-Konvenzjoni dwar l-għoti ta' Privattivi Ewropej ma jinkludix iktar dispożizzjonijiet dwar termini, iżda jirreferi għar-Regola 136 tar-Regolament ta' implementazzjoni tal-Konvenzjoni Ewropea tal-Privattivi, kif adottat mid-Deċiżjoni tal-Kunsill ta' Amministrazzjoni tal-Organizz-

azzjoni Ewropea tal-Privattivi tas-7 ta' Diċembru 2006. Id-dispożizzjoni rilevanti hija għalhekk ir-Regola 136(1) tar-regolament ta' implementazzjoni.

28 Fir-rigward tat-terminu ta' sena, huwa biżżejjed li jiġi kkonstatat li l-Artikolu 78(2) tar-Regolament Nru 40/94 ma jikkonċernax esklużivament applikazzjonijiet għal *restitutio in integrum* fil-każijiet fejn ma ssirx talba għal tiġdid, iżda jikkonċerna wkoll każijiet ta' nuqqas ta' konformità mat-terminu, fejn in-nuqqas kellu, bħala konsegwenza diretta, bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet tal-imsemmi regolament, it-telf ta' dritt jew dak ta' mezz ta' rimedju. In-nuqqas ta' konformità, u fuq kollox it-tneħħija tal-kawża ta' nuqqas ta' konformità mat-terminu jista' jkollha diversi forom u, għalhekk, it-terminu ta' sena huwa previst bħala terminu massimu. Għalhekk, ir-rikorrenti ma tistax issostni li dan it-terminu kien ser ikun inutli jekk it-terminu ta' xahrejn kien ikkalkolat mid-"data kronoloġika" (f'dan il-każ, il-21 u t-23 ta' Novembru 2006) inkwistjoni. Fejn in-nuqqas ta' konformità jitneħħa biss wara sena mill-iskadenza tat-terminu li ma ġiex osservat, l-applikazzjoni għal *restitutio in integrum* mhijiex iktar ammissibbli. Għalhekk, it-terminu ta' xahrejn huwa inkluż fit-terminu ta' sena.

29 Fir-rigward tal-prassi tal-Bordijiet tal-Appell tal-EPO, invokata mir-rikorrenti, huwa biżżejjed li jiġi kkonstatat li s-sistema Komunitarja tat-trade marks hija waħda awtonoma, komposta minn sett ta' regoli u li għandha għanijiet speċifiċi tagħha, u l-implementazzjoni hija indipendenti minn kull sistema oħra [ara, b'analoġija, is-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza, tal-5 ta' Diċembru 2000, Messe München vs UASI (electronica), T-32/00, Ġabra p. II-3829, punt 47].

30 Fil-fatt, filwaqt li d-dispożizzjonijiet li għandhom formulazzjoni identika jew simili, fil-qasam tad-dritt Ewropew tal-proprjetà intellettwali għandhom, sa fejn huwa possibbli, jiġu interpretati b'mod uniformi, il-Konvenzjoni dwar l-għoti ta' Privattivi Ewropej mhijiex strument Ewropew, u l-Uffiċċju Ewropew tal-Privattivi mhuwiex korp Komunitarju. Id-deċiżjonijiet tal-Bordijiet tal-Appell ta' dan l-uffiċċju mhumiex parti mill-ġurisprudenza tad-dritt Komunitarju (konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Sharpston fil-kawża UASI vs Kaul, C-29/05 P, Ġabra 2007, p. I-2213, I-2215, punt 40).

31 Barra minn hekk, anki jekk jitqies li l-Artikolu 78 tar-Regolament Nru 40/94 tfassal fuq bażi ta' mudell li jaqa' taħt id-dritt tal-privattivi, ma hemm xejn li jindika li l-interpretazzjoni taż-żewġ dispożizzjonijiet għandha tkun identika, peress li l-interessi inkwistjoni fiż-żewġ oqsma jistgħu jkunu differenti. Fil-fatt, il-kuntest ġuridiku tad-dritt tal-privattivi huwa differenti u d-dispożizzjonijiet li jirregolaw il-privattiva huma intiżi li jirregolaw proċeduri differenti minn dawk applikabbli fil-qasam tat-trade mark [sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-13 ta' Mejju 2009, Aurelia Finance vs UASI (AURELIA), T-136/08, Ġabra p. II-1361, punt 21].

32 Fi kwalunkwe każ, id-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell Tekniku tal-EPO tas-16 ta' April 1985 (T 191/82, ĠU OEB 7/1985, p. 189), li għaliha tirreferi r-rikorrenti, b'ebda mod ma turi kif l-EPO jagħti interpretazzjoni differenti lid-dispożizzjoni rilevanti. Fil-fatt, f'din il-kawża, ġie kkunsidrat li, fil-każ fejn impjegat ta' rappreżentant professjonali jiskopri li n-nuqqas ta' osservanza tat-terminu wassal għal telf tad-dritt, il-kawża ta' nuqqas ta' konformità li hija l-oriġini ta' dan in-nuqqas ta' osservanza, jiġifieri l-fatt li n-nuqqas ta' osservanza tat-terminu ma kinitx magħrufa, titqies li ma ntemmitx, sakemm ir-rappreżentant professjonali ma jkunx ġie personalment informat bis-sitwazzjoni, peress li huwa stess għandu jiddeċiedi dwar jekk hemmx lok li tiġi ppreżentata applikazzjoni għal *restitutio in integrum* u, jekk jiddeċiedi li dan iseħħ, li jsib il-motivi u ċ-ċirkustanzi li għandu jinvoka quddiem l-EPO.

33 Madankollu, fil-każ preżenti, ir-rappreżentant professjonali, jiġifieri r-rappreżentant tar-rikorrenti, ma sostniex li huwa ma kienx personalment informat bis-sitwazzjoni fid-dati ta' notifiki. Għalhekk, din id-deċiżjoni bl-ebda mod ma tipprovdi sostenn għall-argumenti tar-rikorrenti. Barra minn hekk, ir-relazzjoni bejn ir-rappreżentant u l-impjegat tiegħu ma tistax tiġi pparagunata mar-relazzjoni bejn parti rrappreżentata u r-rappreżentant tagħha.

34 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-motiv ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 78 tar-Regolament Nru 40/94 għandu jiġi miċħud.

Fuq il-motiv ibbażat fuq il-ksur tal-prinċipju ta' projbizzjoni ta' reformatio in pejus

35 Ir-rikorrenti essenzjalment tqis li, bi ksur tal-prinċipju ta' projbizzjoni ta' *reformatio in pejus*, il-Bord tal-Appell qiegħditha, wara l-appell tagħha, f'pożizzjoni inqas favorevoli minn dik li kienet tkun fiha kieku ma kinitx appellat, meta sostna, għall-ewwel darba, li l-applikazzjoni għal *restitutio in integrum* kienet ġiet ippreżentata quddiem id-dipartiment "Trade Marks u Reġistru" wara l-iskadenza ta' terminu ta' xahrejn.

36 L-UASI jikkontesta l-argumenti mressqa mir-rikorrenti.

37 Anki jekk jitqies li l-prinċipju invokat mir-rikorrenti jista' jiġi invokat fi proċedura li fiha l-Bord tal-Appell jew jeżerċita l-kompetenzi tal-istanza li ħadet id-deċiżjoni li kienet tressqet quddiemha, jew jirrinvija l-kawża tal-imsemmija istanza għal iktar kunsiderazzjoni, huwa biżżejjed li jiġi rrilevat li, billi ċaħad l-appell tar-rikorrenti, il-Bord tal-Appell żamm fis-seħħ id-deċiżjoni tad-dipartiment "Trade Marks u Reġistru". Għalhekk, fir-rigward tad-deċiżjoni tad-dipartiment "Trade Marks u Reġistru", sa fejn din ma laqgħetx l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti, din tal-aħħar ma tkunx, wara d-deċiżjoni appellata, f'pożizzjoni legali inqas favorevoli minn dik li kienet fiha qabel ma ġie ppreżentat l-appell.

38 Barra minn hekk, għandu jitfakkar li, mill-Artikolu 62(1) tar-Regolament Nru 40/94 (li sar l-Artikolu 64(1) tar-Regolament Nru 207/2009) jirriżulta li, wara l-eżami fuq il-mertu tal-appell, il-Bord tal-Appell għandu jiddeċiedi fuqu u jista', meta jagħmel dan, "jeżerċita kull poter fil-kompetenza tad-dipartiment li kien responsabbli għad-deċiżjoni appellata", jiġifieri, f'dan il-każ, jagħti deċiżjoni huwa stess fuq l-applikazzjoni għal *restitutio in integrum* billi ma jaċċettahiex jew billi jiddikjaraha fondata u b'hekk jikkonferma jew iwarrab id-deċiżjoni tal-ewwel istanza. Konsegwentement, permezz tal-effett tal-appell ippreżentat quddiemu, il-Bord tal-Appell huwa mitlub jagħmel eżami ġdid u komplut tal-mertu tal-applikazzjoni għal *restitutio in integrum*, kemm fid-dritt kif ukoll fil-fatt (sentenza UASI vs Kaul, iċċitata iktar 'il fuq, punti 56 u 57).

39 Kif isostni l-UASI, il-kwistjonijiet dwar l-ammissibbiltà ma għandhomx jiġu eskluży minn "eżami ġdid komplut" tal-applikazzjoni għal *restitutio in integrum*. Fil-fatt, skont ġurisprudenza stabbilita, ir-regoli dwar it-termini ġew stabbiliti sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali u sabiex jiġu evitati kull diskriminazzjoni jew trattament arbitrarju (ara d-digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-21 ta' Novembru 2005, Tramarin vs Il-Kummissjoni, T-426/04, Ġabra p. II-4765, punt 60, u l-ġurisprudenza ċċitata). Din il-konstatazzjoni ġenerali tapplika wkoll għat-termini previsti bir-regolamenti dwar it-trade mark Komunitarja [sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tas-17 ta' Settembru 2008, Neurim Pharmaceuticals (1991) vs UASI – Eurim-Pharm Arzneimittel (Neurim PHARMACEUTICALS), T-218/06, Ġabra p. II-2275, punt 44].

40 F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti ma tistax tinvoka s-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tas-16 ta' Frar 2000, Procter & Gamble vs UASI (Forma ta' sapuna) (T-122/99, Ġabra p. II-265), sa fejn il-Qorti tal-Prim'Istanza kienet ikkunsidrat li l-Bord tal-Appell ma kienx kompetenti li jwettaq eżami ġdid tal-kundizzjonijiet tal-preżentata tal-applikazzjoni għal reġistrazzjoni u sabiex jiddeċiedi favur l-inammissibbiltà tal-applikazzjoni għal reġistrazzjoni (punti 29 sa 34). Fil-fatt, billi sostna, *ex officio* u *a posteriori*, irregolarità formali li ma kinitx imqajma mill-eżaminatur, il-Bord tal-Appell kien ċaħħad lir-rikorrenti mill-għażla li tagħmel applikazzjoni għal reġistrazzjoni ġdida quddiem l-UASI li kienet tawtorizzaha tibbenefika minn data ta' preżentata preċedenti minn dik li hija setgħet tikseb wara l-adozzjoni tad-deċiżjoni appellata inkwistjoni (sentenza Forma ta' sapuna, iċċitata iktar 'il fuq, punti 29 u 30).

41 Fil-kawża preżenti, l-iskadenza tat-terminu inkwistjoni ma setgħet tiġi rrettifikata b'ebda mod, b'mod li l-Bord tal-Appell ma ċaħħad lir-rikorrenti minn ebda għażla.

42 Fir-rigward tal-prassi tal-Bordijiet tal-Appell tal-EPO, invokata mir-rikorrenti, huwa biżżejjed li jitfakkar li d-deċiżjonijiet ta' dan l-uffiċċju mhumiex parti mill-ġurisprudenza tad-dritt Komunitarju.

43 Fi kwalunkwe każ, id-deċiżjoni tal-Awla Manja tal-Appell tal-EPO tal-14 ta' Lulju 1994 (G 9/92, ĠU EPO 12/1994, p. 875), invokata mir-rikorrenti, ma tistax tiġi ttrasferita għall-kawża preżenti, peress li ma tikkonċernax in-nuqqas ta' osservanza ta' terminu, iżda l-kwistjoni dwar jekk il-formulazzjoni ta' privattiva kif approvata mid-deċiżjoni intermedjarja tistax tiġi kkontestata.

44 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-motiv ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' projbizzjoni ta' *reformation in pejus* għandu jiġi miċħud.

Fuq il-motiv ibbażat fuq ksur tad-drittijiet tad-difiża u d-dritt għal smigħ

45 Ir-rikorrenti essenzjalment issostni li l-Bord tal-Appell, bi ksur tal-Artikolu 61(2) u tat-tieni sentenza tal-Artikolu 73 tar-Regolament Nru 40/94 (li saru l-Artikolu 63(2) u t-tieni sentenza tal-Artikolu 75 tar-Regolament Nru 207/2009), naqas milli jagħtiha l-opportunità, qabel ma adotta d-deċiżjonijiet ikkontestati, li tippreżenta l-osservazzjonijiet tagħha dwar ir-raġunijiet għalfejn il-Bord tal-Appell ċaħad l-appell tagħha meta sostna, għall-ewwel darba, li l-applikazzjoni għal *restitutio in integrum* kienet ġiet ippreżentata quddiem id-dipartiment "Trade Marks u Reġistru" wara t-terminu stipulat.

46 L-UASI jikkontesta l-argumenti mressqa mir-rikorrenti.

47 Għandu jiġi rrilevat li, skont it-tieni sentenza tal-Artikolu 73 tar-Regolament Nru 40/94, id-deċiżjonijiet tal-UASI għandhom ikunu bbażati biss fuq raġunijiet jew fuq xhieda li fir-rigward tagħhom il-partijiet ikkonċernati kellhom l-opportunità li jippreżentaw il-kummenti tagħhom. Din id-dispożizzjoni tistabbilixxi, fil-kuntest tad-dritt tat-trade marks Komunitarji, il-prinċipju ġenerali ta' protezzjoni tad-drittijiet tad-difiża. Skont dan il-prinċipju ġenerali tad-dritt Komunitarju, id-destinatarji tad-deċiżjonijiet tal-awtoritajiet pubbliċi li jaffettwaw b'mod kunsiderevoli l-interessi tagħhom għandhom ikollhom l-opportunità li jressqu l-opinjoni tagħhom b'mod effettiv. Id-dritt għal smigħ japplika għall-punti kollha ta' fatt jew ta' liġi li jikkostitwixxu l-bażi tal-att deċiżjonali iżda mhux għall-pożizzjoni finali li l-amministrazzjoni għandha l-intenzjoni li tadotta [ara s-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tas-

7 ta' Frar 2007, Kustom Musical Amplification vs UASI (Forma ta' kitarra), T-317/05, Ġabra p. II-427, punti 24, 26 u 27, u l-ġurisprudenza ċċitata].

48 Barra minn hekk, mill-ġurisprudenza jirriżulta li d-drittijiet tad-difiża ma jinkisrux minħabba xi irregolarità proċedurali ħlief sa fejn din kellha impatt konkret fuq il-possibbiltà li l-impriżi involuti jiddefendu lilhom infushom. Għaldaqstant, in-nuqqas ta' osservanza tar-regoli fis-seħħ intiżi li jipproteġu d-drittijiet tad-difiża ma jistax jivvizzja l-proċedura amministrattiva ħlief jekk jiġi stabbilit li din il-proċedura setgħet twassal għal riżultat differenti kieku r-regoli ġew osservati [ara s-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-12 ta' Mejju 2009, Jurado Hermanos vs UASI (JURADO), T-410/07, Ġabra p. II-1345, punt 32, u l-ġurisprudenza ċċitata].

49 Kif ġie sostnut fl-eżami tal-motiv ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 78 tar-Regolament Nru 40/94, il-Bord tal-Appell kien korrett meta qies li l-applikazzjoni għal *restitutio in integrum* kienet ġiet ippreżentata wara li skada t-terminu ta' xahrejn u, għalhekk, kellha titqies li ma ġietx ippreżentata.

50 Għalhekk, anki kieku l-Bord tal-Appell kiser id-dritt għal smigħ tar-rikorrenti, tali ksur ma setax ikollu effett fuq il-legalità tad-deċiżjonijiet ikkontestati [ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-20 ta' April 2005, Krüger vs UASI – Calpis (CALPICO), T-273/02, Ġabra p. II-1271, punt 68].

51 Barra minn hekk, fil-kawża inkwistjoni, bħala tweġiba għal mistoqsija tal-Qorti tal-Prim'Istanza dwar il-fatt rigward x'kienet issostni r-rikorrenti kieku kellha l-possibbiltà li tippreżenta l-osservazzjonijiet tagħha f'dan ir-rigward, ir-rikorrenti sempliċement sostniet li kien hemm diverġenza fir-rigward tal-personalità tar-rappreżentant, u li l-prassi tal-UASI kienet differenti minn dik tal-EPO. Fir-rigward tal-UASI, kien ir-rappreżentant tar-rikorrenti li rċieva n-notifiki u li, barra minn hekk, ippreżenta l-applikazzjoni għal *restitutio in integrum*. Anki jekk jitqies li dan ma kienx il-każ, dan ir-rappreżentant ma kienx ikun jista' jippreżenta din l-applikazzjoni li għandha tiġi kkunsidrata, *a fortiori*, bħala li qatt ma ġiet ippreżentata. Barra minn hekk, kif ġie

kkonstatat iktar 'il fuq, il-prassi ta' EPO ma torbotx lill-UASI. Għaldaqstant, ir-risposta tar-rikorrenti tikkorrobora l-konstatazzjoni li ma kienx hemm ksur tad-dritt għal smigħ tagħha.

52 F'dawn iċ-ċirkustanzi, ir-rikorrenti ma tistax tinvoka s-sentenza Forma ta' sapuna, iċċitata iktar 'il fuq, li tipprovdi li l-Bord tal-Appell kien kiser id-drittijiet tad-difiża tar-rikorrenti, billi ma tahiex l-opportunità li tippreżenta osservazzjonijiet dwar żewġ raġunijiet assoluti għal rifjut ġodda li hija kienet qajmet *ex officio* (sentenza Forma ta' sapuna, iċċitata iktar 'il fuq, punt 47).

53 Konsegwentement, il-motiv ibbażat fuq il-ksur tad-drittijiet tad-difiża u ta' dritt għal smigħ għandu jiġi miċħud.

54 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li r-rikorsi tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda.

55 F'dawn iċ-ċirkustanzi, ma hemmx għalfejn tingħata deċiżjoni dwar l-ammissibbiltà tat-tieni u t-tielet kapijiet tat-talbiet tar-rikorrenti.

Fuq l-ispejjeż

56 Skont l-Artikolu 87(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Prim'Istanza, il-parti li titlef il-kawża għandha tbati l-ispejjeż, jekk dawn ikunu ġew mitluba. Peress illi r-rikorrenti tilfet, hemm lok li hija tiġi ordnata tbati l-ispejjeż, kif mitlub mill-UASI.

Għal dawn il-motivi,

IL-QORTI TAL-PRIM'ISTANZA (L-Ewwel Awla)

taqta' u tiddeċiedi li:

1) Ir-rikorsi huma miċħuda.

2) Evets Corp. hija kkundannata għall-ispejjeż.

Tiili Dehousse Wiszniewska-Białecka

Mogħtija f'qorti bil-miftuħ fil-Lussemburgu fit-23 ta' Settembru 2009.

Firem